**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 40/6/194/14

**<u>Minuti tal-Laqgħa Nru. 40</u>**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 9 ta' Settembru 2014. Il-laqgħa bdiet fis-5.45pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio, il-Kunsillier Tyrone Muscat, il-Kunsillier Renald Dalli u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Neil Joseph Tirchett.

Il-Viċi Sindku Dominic Grima kien skużat.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

**1. <u>Minuti tal-Laqgħa Nru. 39 tas-Sitt Leġislatura</u>**

1.1. Dwar il-punt Nru. 3.2 il-Kunsillier Steven Axisa talab illi mal-minuti tiġi annessa l-email ta' l-Avukat tal-Kunsill Dr. Luciano Busuttil, li abbażi tagħha il-Kunsill iddeċieda li jagħti in-*no objection* tiegħu lis-Sur Francis Stabile.

1.2. Dwar il-punt nru 7.1 is-Segretarju Eżekuttiv informa lil mejda illi sfortunatament l-ebda sid ta' ħanut ma bagħat lura il-formola mitluba. Is-Segretarju żied illi il-ħwienet li irċevew din l-ittra kollha iffirmaw li ħaduha. Għaldaqstant kien hemm qbil illi l-ewwel tingħata ġimgħa ċans sabiex jaslu dawn l-ittri, mbagħad wara tintbagħat ittra bl-avukat lis-sidien tal-ħwienet dwar dan is-suġġett. Sargħet referenza wkoll għall-*wardens* fejn kien hemm qbil illi kif il-kumpanija il-ġdida tal-*wardens* tkun qed topera jibdew jingħataw ċitazzjonijiet lil min ma jkunx qed jikkoopera. Is-Sindku żied illi għanda tintbagħat wkoll ittra lil kumplament tal-ħwienet li t'informahom dwar il-ħinijiet tal-ġbir ta l-iskart tagħhom. Il-Kunsillier Axisa żied illi jekk ser isir użu mill-*Green Wardens* għadna tintbagħat ittra lir-residenti kollha li t'informahom b'mod ċar kif għandom jiddisponu mill-iskart kif ukoll tagħmilha ċara li ser jingħataw il-multi lil min ma jikkooperax.

1.3. Dwar punt Nru. 5.1 is-Segretarju informa lil mejda illi kien irċieva appell mingħand WM Environmental Ltd. Is-Segretarju kompla billi qal li kien qed jitkellem ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar dan l-appell. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lid-Dipartiment li rcievejna dan l-appell u li ser nkomplu nagħmlu użu mit-tender preżenti.

1.4. Dwar punt Nru. 3.11 il-Kunsillier Tyrone Muscat qal li avvicinawh numru ta' residenti illi jixtiequ jħallsu huma għall-istatwa tal-Madonna tad-Duluri għal fejn iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Huwa żied li din l-istatwa tingħata mbagħad lil Kunsill Lokali Paola sabiex tkun tista' issir il-*base* tagħha, tlett irħamiet (talba, benefatturi u data/tberik) u erba' bankijiet mill-istess Kunsill. Il-Kunsill Lokali qabel illi jekk il-liġi tippermetti li dan isir din l-istatwa għanda issir kif spjegat mill-Kunsillier Muscat. Is-Segretarju informa lil mejda li ser jiċċekkja jekk din l-istatwa tistax issir kif maqbul.

1.5. Fuq il-punt Nru. 3.9 il-Kunsillier Lynch qal illi l-esibizzjonijiet li qed issir offerta dwarhom minn *Heritage Malta* ser isiru fil-Birgu u l-belt Valletta u għandom għaddejjin sa Jannar 2015. Huwa żied illi ser ikun qed jaħdem fuq din l-attività għax-xitwa li ġejja.

1.6. Dwar il-punt Nr. 8 is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar il-proġett tal-Bankini fejn infurmah dwar ix-xogħol li jixtieq jagħmel il-Kunsill.

## 2. <u>Korrispondenza</u>

2.1. Ittra mibgħuta mingħand is-Sinjura Josephine Camilleri (impjegata tal-Kunsill Lokali Paola) fejn qed tirringrazzja lil membri tal-Kunsill Lokali ta' l-approvazzjoni tagħhom illi hija titla għal Skala 13. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sinjura Camilleri tal-ħsieb tagħha li tibgħat din l-ittra.

*2.2.* Ittra mingħand Transport Malta fejn qed tħeġġeġ iktar attendenza fil-Bike Ride li ser issir fil-21 ta' Settembru 2014. Il-Kunsillier Dalli qal li għandna nħeġġu l-għaqdiet tal-Lokal sabiex jippartecipaw fil-*Bike Ride.*

2.3. Ittra mingħand Martin Bonello minn Gum Squad, fejn qed jippromovi ix-xogħol tal-kumpanija tiegħu li jneħħu *chewing gums* minn fuq il-bankini. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu stima għall-pjazza. Ma' dan il-punt il-Kunsillier Muscat żied illi il-ħmieġ tal-ħamiem qed ikompli jiżdied fil-pjazza. Fuq suġġeriment ta' l-istess Kunsillier Muscat il-Kunsill Lokali qabel illi għandom jintalbu kwotazzjonijiet għal-apparat li jagħmel ċertu *Ultrasonic sounds* li jservi ta' deterrent għall-ħamiem.

3. **Impjegat skala 15**

3.1. Is-Segretarju informa lil mejda, li saru l-intervisti meħtieġa kif maqbul fl-aħħar laqgħa. Il-membri fuq il-bord ta' l-intervisti kienu is-Sindku Roderick Spiteri, u l-Kunsilliera Steven Axisa u Tyrone Muscat. Il-Kunsilliera Rita Delezio qalgħet illi ma setgħetx tagħmel parti minn dan il-bord għaliex kienet l-isptar għal-kura u minflokha attenda Tyrone Muscat. L-intervisti saru fl-1 ta' Settembru u wara dawn l-intervisti il-bord irrakkomanda li l-impjieg jingħata lis-Sur Keith Parnis. Il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu mal-konklużjoni tal-bord.

3.2. Il-Kunsillier Muscat xtaq iżid illi hemm bżonn naraw ukoll kif qed jaħdmu l-ħaddiema ta' l-ETC minħabba li hemm ħafna xogħol b'lura li jrid isir. Sargħet ukoll referenza li l-impjegat tal-Kunsill Anthony Gatt, għandu bżonn iktar ħaddiema miegħu sabiex isir ix-xogħol. Il-Kunsill qabel illi għandom jingiebu żewġ impjegati oħra jew mill-Faċilita korrettiva ta' Kordin jew inkella mill-ETC sabiex jaħdmu wkoll wara nofsinhar. Is-Sindku ippropona wkoll, u kien hemm qbil, illi issir laqgħa ma' l-impjegati preżenti taħt l-iskema ta' l-ETC sabiex wieħed jara jekk hemmx minnhom li jixtiequ jaħdmu waranofsinhar.

4. ***Plakka Ġnien P Boffa***

4.1. Il-Kunsillier Tyrone Muscat ressaq formalment diskussjoni sabiex terġa issir l-irħama li kienet sargħet lura fl-1993 meta infetaħ il-Ġnien Pawlu Boffa, tali mozzjoni li kienet tiġa diskussa f'laqgħat preċedenti. Wara diskussjoni ittieħed vot fejn il-Kunsilliera Muscat u Delezio ivvotaw favur filwaqt il-Kunsilliera Axisa, Dalli, Lynch u s-Sindku ivvotaw kontra.

4.2. Hawnhekk il-Kunsillier Steven Axisa kellu jitlaq mill-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol.

## 5. Sports-Car Free Day

5.1. Is-Segretarju informa lil mejda li kien avviċinat mis-Sur Anthony Cassar mill-Hibernians Basketball Club li xtaq li ssir attività ta' Sports fil-Pjazza quddiem il-Knisja nhar il-21 ta' Settembru bħala parti mill-attivitajiet tal-Car free Day. Wara li tkellem mal-Kunsillier responsabbli mill-isports Steven Axisa, is-Segretarju qal li ma jkunx għaqli li ssir din l-attività fil-ġurnata li ser ikun hemm in-National Bike Ride u għalhekk il-Kunsill qabel illi minflok, din l-attività issir fil-*Move Week* li hija skedata għal Ottubru. Il-Kunsill Lokali approva budget ta' mhux aktar minn Euro 1,000 għal din l-attività li ser tinkludi element ta' sports kif ukoll promozzjoni ta' saħħa u ambjent aħjar. Is-Segretarju ser jifforma programm ta' l-attività mal-Kunsillier Axisa.

## *6. Expression of Interest After School Homework*

6.1. Il-Kunsillier Renald Dalli qal, illi wara li fl-aħħar laqgħa il-Kunsill Lokali qabel illi jsiru l-klassijiet tal-*homework* fil-Kunsill għal tfal li jkollhom bżonn din l-għajnuna, huwa beda l-proċess sabiex jara min ikun interessat illi jagħti dan it-tagħlim. Is-Sindku issuġġerixxa illi l-Kunsill Lokali Paola joħroġ sejħa ta' interess għal dawk l-għalliema li jkunu interessati jidħlu għal dan il-proġett. Il-Kunsill Lokali qabel li toħroġ din is-sejħa kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll permezz ta' l-MUT (Malta Union of Teachers) u kull mezz ieħor possibbli.

## 7. Proġett Edukattiv

7.1. Il-Kunsillier Renald Dalli qal li ġietu l-idea li l-Kunsill Lokali Paola jidħol għall-proġett li jkun jismu "Biex Ma Ninsewx". Huwa spjega li dan il-proġett ikun jinvolvi numru ta' intervisti ta' nofs siegħa il-waħda ma diversi persuni midħla ta' Raħal Ġdid fejn huma jirrakkontaw l-esperjenzi tagħhom marbuta ma l-istorja tar-raħal. Il-Kunsillier Dalli qal li ġabar stima ta' Euro 50 għall-kull intervista kompluta bl-editing u bil-kopji. Dawn l-intervisti ikunu available umbagħad fil-Kunsill kif ukoll fil-mezzi ta' media varji. Il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu li jsir dan il-proġett filwaqt li kien hemm qbil ukoll li tinħareġ kopja oħra tal-magazine tal-Kunsill għal żmien il-Milied. Ġie propost li dan il-magazine jieħu ħsiebu il-Kunsillier Renald Dalli bl-assistenza tal-Kunsilliera Rita Delezio.

## 8. Transfer tal-Van

8.1. Is-Segretarju informa lil mejda illi hemm bżonn isir it-transfer tal-Van tal-Kunsill minħabba li dan kien għadu f'isem is-Sur Kevin Borg. Il-Kunsill qabel illi it-transfer isir u l-Van jiġi f'isem is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri għan-nom (on behalf of) il-Kunsill Lokali Paola.

## 9. Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-Pagamenti

9.1. Il-Kunsill Lokali approva l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 40 għas-somma ta' Euro43,906.58.

## 10. Aġġornament

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7.15pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Settembru 2014.

Approvati llum 30 ta' Settembru 2014.

| | |
|---|---|
| Kurt Scerri | Roderick Spiteri |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |